# KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


**Minuti tad-29 laqgħa tat-8 leġislatura tal-Kunsill Lokali tal-Imqabba li nżammet it-Tlieta 22 ta' Ġunju 2021 fil-5:30 p.m. fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, 29 Triq il-Parroċċa, l-Imqabba.**

**Preżenti** :

| | |
|---|---|
| Omar Farrugia | Sindku |
| Grace Marie Zerafa | Viċi-Sindku |
| Jonathan Dingli | Kunsillier |
| Owen Sciberras | Kunsillier |
| Henry Zaffarese | Kunsillier |
| Nathan Aquilina | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |

**Uffiċċjal** :

| | |
|---|---|
| Fabian Mizzi | Segretarju Eżekuttiv |

29.01 **Talba**

29.01.01 Il-laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba mis-Sindku.

29.02 **Qari tal-ittri ta'apoloġiji**

29.02.01 Is-S.E. informa li ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

29.03 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-minuti tal-laqgħa nru 28**

29.03.01 Il-Minuti tal-laqgħa nru 28 ġew approvati unanimament. Il-Viċi-Sindku ipproponiet u l-Kunsillier Dingli issekonda.

29.04 **Komunikazzjoni mis-Sindku**

29.04.01 Is-Sindku semma li kif jaf kulħadd l-inawgurazzjoni tal-Pjazza kienet saret u kollox mar sew. Huwa qal li jonqos biss li jitqabbdu 2 fanali mad-dar tal-Kappillan u sabiex isir dan ix-xogħol ser ikun hemm bżonn li l-Pjazza tingħalaq għal nofs ta nhar fl-ewwel ġimgħa ta' Lulju.

29.04.02 Is-Sindku spjega li jinsab infurmat li Triq il-Familja Brancati ser tiġi asfaltata din il-ġimgħa.

Huwa qal ukoll li x-xogħlijiet fi Sqaq Nru 5 fi Triq il-Parroċċa kienu tlestew ukoll.

Rigward ix-xogħlijiet fi Triq George Martin, huwa qal li kien hemm xi *issues* mal-*heritage* però dawn issa ssolvew. Huwa qal li kienu daħlu xi lmenti dwar traskuraġni mill-kuntrattur kift dwar il-ħinijiet tax-xogħol iżda wara li kellima lil-Perit responsabbli mill-proġett, l-affarijiet tranġaw. Il-Kunsillier Dingli esprima tħassib li waqt dawn ix-xogħlijiet tista' ssir xi ħsara lil Ħajt tal-Matla però s-Sindku nforma li kien qed ikun hemm arkeologu fuq il-post li flimkien mal-periti kien qed jassigura li ma ssirx ħsara lill-imsemmi ħajt.

Rigward ix-xogħlijiet fit-Triq tas-Siġar, huwa spjega li x-xogħol miexi kif ippjanat u li l-ewwel saff tal-asfalt għandu jingħata l-ġimgħa d-dieħla. Huwa qal li sa Awwissu x-xogħol ikun qorob biex jitlesta.

Rigward it-Triq ta' Ħal Farruġ, huwa spjega li x-xogħlijiet kienu għadhom għaddejjin u sa issa kienu twessgħu xi partijiet mill-istess triq.

Rigward il-ġebel kbir li hemm fl-Isptar il-Qadim li oriġinarjament kellu jitpoġġa fir-*roundabout* ta' Ġublew tad-Djamanti, huwa qal li wara laqgħa mal-iskultur Antoine Farrugia, dan offra li jżomm l-istess ġebel fi propjetà tiegħu sakemm tittieħed deċiżjoni finali dwar jekk il-proġett għandux jitkompla jew le. Fil-frattemp, huwa kien ser jagħmel kuntatt ma wieħed mill-Ġermaniżi li kien ħadem fuq waħda mill-ġebliet. Rigward iċ-ċaqlieq tal-ġebel għal ġo propjetà privata, kien hemm qbil li jkun hemm ftehim bil-miktub bejn il-partijiet.

29.04.03 Is-Sindku nforma li sfortunatament, l-applikazzjoni tagħna sabiex nieħdu fondi mill-LESA sabiex nirrestawraw l-Isptar il-Qadim ma kienitx ġiet aċċettata, però aktar tard din is-sena kienet ser issir sejħa oħra u kien hemm qbil li għal darba oħra, l-Kunsill għandu jressaq l-istess talba għall-fondi.

29.04.04 Rigward l-istallazzjoni tas-CCTV fuq l-*iBins* fi Triq Ħal-Kirkop, is-S.E. spjega li l-Enemalta kienu talbu sabiex jeħel arblu ieħor sabiex ikun jista' jingħata d-dawl. Dan ix-xogħol għandu jsir fil-ġranet li ġejjin.

29.04.05 Is-Sindku issuġġerixxa li għandna nibdew naħsbu fuq l-attivitajiet ta' Jum l-Imqabba 2021 u għal dan il-għan, dan is-suġġett ser jitpoġġa fuq l-Agenda tal-laqgħa li jmiss. Kien hemm qbil li jkun hemm il-*Blood Mobile Unit* bħas-snin l-imgħoddija.

Huwa semma wkoll it-tiżjin tal-Milied u issuġġerixxa li ssir sejħa għad-disinji maqsuma fi 3 fażijiet sabiex jiżżejnu l-Pjazza u Triq Karmenu Ciantar. Il-Kunsillier Dingli fakkar fid-deċiżjoni li kienet ittieħdet xi xhur ilu rigward it-twaqqif ta' Sotto-Kumitat tat-Tiżjin u kien hemm qbil li dan ikun kompost minn membri nnominati mill-Għaqdiet tal-baned, il-Każini politiċi, l-Klabb tal-Football u l-Parroċċa. Kien hemm qbil li qabel nibgħatu l-istedina lil dawn l-għaqdiet, għandha ssir laqgħa nformali bejn il-membri tal-Kunsill sabiex jiġu diskussi t-*Terms of Reference* li ser ikun qed jiċċirkola l-Kunsillier Dingli fil-ġranet li ġejjin.

29.04.06 Is-Sindku wera d-diżappunt tiegħu għad-deċiżjoni li kienet ittieħdet illi l-ħwienet tar-raħal ma jitħallewx joħorġu mwejjed u siġġijiet barra fil-ġranet tal-festa. Huwa qal li l-Kunsill ma kienx involut fid-deċiżjoni u fl-istess waqt ma kellux oġġezzjoni li tingħalaq il-Pjazza sabiex ikunu jistgħu jinħargu l-imwejjed u siġġijiet. Huwa qal li l-Kunsill kien ser jipparteċipa fl-inizjattiva meħuda mill-AKL u l-MTA sabiex jinħargu permessi temporanji mill-MTA sa Settembru li ġej. Huwa qal li l-Kunsill kien ser joħroġ in-*No Objection* tiegħu bil-kundizzjoni li l-linji gwida u l-protokolli kollha jkunu osservati.

Huwa qal li flimkien mas-S.E. huwa kellu laqgħa mal-Perit Antoine Zammit minn Studjurban sabiex jipprovdi proposti dwar l-għeluq tal-Pjazza li tkun tinkludi d-

direzzjoni tat-traffiku, strateġija dwar l-ipparkjar ta' vetturi u *catering areas*. Kien hemm qbil li ssir laqgħa bejn il-Perit Zammit u l-membri tal-Kunsill nhar it-Tlieta 20 ta' Lulju sabiex wara l-Kunsill ikun jista' jiddiskuti u jiddeċiedi fuq din il-materja qabel jipproċedi.

29.05 **Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

29.05.01 Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar *update* rigward il-lista tal-ilmenti mressqa mill-Kunsillieri waqt il-laqgħat u s-S.E. informa li kien qed jaħdem fuqha

29.05.02 Il-Viċi-Sindku staqsiet dwar l-ittra li kellha tinkiteb dwar il-*crusher* u s-S.E. wieġeb li peress li din kienet xi ħaġa li qed jesperjenzawha r-residenti, kien qed jistenna iktar dettalji mingħand il-Kunsillieri però ħadd ma kien reġa' kellmu dwarha. Is-Sindku nforma li jinsab infurmat li l-*crusher* kienet twaqqfet u ghalhekk l-ilmenti waqfu wkoll.

29.05.03 Il-Viċi-Sindku staqsiet jekk kienx hemm xi żviluppi dwar l-*area* tal-*ground* tal-*Football* u s-Sindku nforma li sa laqgħa oħra kien ser jagħmel laqgħa magħhom.

29.05.04 Il-Viċi-Sindku irrimarkat li ma tantx kienet sodisfatta bl-ewwel rapport tal-*Contracts Manager* u qalet li ma kienitx kuntenta lanqas bil-livell tal-knis fir-raħal. Ġie deċiż li ninfurmaw lill-*Contracts Manager* li r-rapporti għandhom jinkludu iktar dettalji dwar x'tip ta' problemi kien innota waqt l-*inspections* u kif qed jissuġġerixxi li dawn jitranġaw. Ġie deċiż ukoll li s-Sindku għandu jkellem direttament lill-kennies sabiex jurih it-toroq li jridu jsiru skont l-iskeda.

29.05.05 Il-Viċi-Sindku irrimarkat li kien għad hemm xi residenti li kienu sofrew xi danni mal-faċċata tagħhom waqt ix-xogħol fil-Pjazza u s-Sindku nforma li konna ktibna lill-Perit Farrugia tal-PWD dwar il-każ.

29.05.06 Il-Viċi-Sindku irrimarkat li x-xtieli fit-triq tan-Nofs ma kienux dawk li kien hemm ippjanat li jsiru. Is-Sindku informa li dawn kienu identiċi għal dawk li hemm fil-*ground* tal-football u li għalihom kienet saret it-talba. Huwa kompla jgħid li xejn ma jżomm lill-Kunsill li dawn jibdilhom aktar il-quddiem inkluż *pots* ġodda fil-Pjazza.

29.05.07 Il-Viċi-Sindku tkellmet dwar *Double Yellow Lines* li saru fi Triq Karmenu Ciantar qabel ma konna rċivejna l-awtorizzazzjoni ta' TM. Is-Sindku nforma li hu kien irċieva lment dwar vetturi li kienu qed jostakolaw il-ħruġ ta' vetturi minn garaxx u waqt laqgħa li kellu mas-Sur M. Cohen, dan awtorizzaħ verbalment sabiex jagħmel id-*Double Yellow Lines* però kellu xorta jikseb l-awtorizzazzjoni bil-miktub ta' TM.

29.05.08 Il-Kunsillier Dingli ikkummenta dwar il-bankini ta' Triq Karmenu Ciantar u issuġġerixxa li quddiem il-garaxxijiet isiru bid-*drop kerb* u mhux il-bankina tkun maqluba ukoll. Huwa qal ukoll li kienu kellmuh xi residenti jilmentaw dwar ħsara

li kienet saritilhom f'irħama waqt li kien qed isir ix-xogħol tat-triq. Il-Kunsill ħa nota ta' dan ilment u ser jara x'jista' jsir meta jkunu qed isiru x-xogħlijiet.

29.05.09 Il-Kunsillier Dingli staqsa fiex kien wasal is-*Survey* ta' Triq Ħal-Kirkop u s-S.E. informa li kien ser ikellem lill-Perit dwaru. Rigward il-ħajt fis-*service road*, ġie deċiż li nkellmu lill-*Cleansing Dept*.

29.05.10 Il-Kunsillier Dingli irrimarka dwar *road markings* li ma kienux saru kif kienu qabel fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija u ġie deċiż li ninfurmaw bil-miktub lill-Perit D. Vassallo ta' IM.

29.05.11 Il-Kunsillier Dingli lmenta dwar numru ta' kaptelli u *culverts* li jċekċku fil-Pjazza u l-inħawi. Is-S.E. informa li l-ħaddiema tal-Kunsill kienu għamlu l-lastiku diversi drabi imma kull darba li dawn jinfetħu, l-lastiku jaqa' u l-kaptelli jerġgħu jibdew iċekċu. Ġie deċiż li naraw hux possibbli li flok lastiku jintuża s-*silicone*. Rigward *culverts* iċekċku, ġie deċiż li nkellmu lill-Perit J. Borg.

29.05.12 Il-Kunsillier Dingli issuġġerixxa li ladarba jitlesta r-restawr tal-Kappella ta' Santa Katerina, din għandha tiddawwal minn barra bħal ma jiddawwlu kappelli fi rħula oħra. Dwar dan kien hemm qbil u ġie deċiż li naraw jekk inkunux nistgħu nibbenefikaw minn xi fondi għal dan il-għan. Il-Kunsillier Dingli wera wkoll ix-xewqa li l-bradelli li hemm fil-Knisja bħalissa jitpoġġew f'xi post ieħor u l-Kappella tibda tintuża b'mod regolari.

29.05.13 Il-Kunsillier Sciberras issuġġerixxa li jsiru *road markings* inkluż *Parking Bays* fis-*service roads*. Ġie deċiż li nagħmlu talba lill-Perit D. Vassallo ta' IM.

29.05.14 Il-Kunsillier Sciberras staqsa dwar ir-*Reserved Bay* li kien hemm ħdejn il-Kappella tad-Duluri. Is-S.E. informa li din għad hemm bżonnha u għalhekk ġie deċiż li din issir mil-ġdid meta jsiru l-*markings* fl-inħawi mill-kuntrattur tal-Kunsill.

29.05.15 Il-Kunsillier Sciberras staqsa jekk kienx hemm xi *update* dwar ir-*Reserved Parking Bays* fil-Pjazza wara li kien hemm xi korrispondenza dwarhom. Is-S.E. informa li kien għadu qed jistenna mingħand is-CRPD jekk dawn hux ser isiru jew le.

29.05.16 Il-Kunsillier Sciberras issuġġerixxa li jsiru 6 *ash-trays* ġol-Pjazza u peress li l-Kunsill kien ingħata 3 *ash-trays* bħala parti mill-MOU mal-*Cleansing Dept.*, ġie deċiż li nippruvaw inġibu 3 oħra sabiex ikunu l-istess.

29.05.17 Il-Kunsillier Sciberras Waterhouse

***Il-Kunsillier Sciberras u l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ ħallew il-laqgħa minħabba raġunijiet personali fis-6.45 pm***

29.05.18 Il-Kunsillier Zaffarese issuġġerixxa li jkun hemm is-servizz ta' *Wi-Fi* ġewwa Misraħ Missjoni u ġie deċiż li dan il-post jiġi nkluż fil-lista tal-WIfi4U.

29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512

TEL: 2168 0622

E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt

L-Imqabba Local Council


29.05.19 Il-Kunsillier Zaffarese issuġġerixxa li ssir mappa tar-raħal bil-ġebel li tindika l-postijiet storiċi. Kien hemm qbil li għandna naħdmu fuq din il-proposta.

29.05.20 Il-Kunsillier Zaffarese issuġġerixxa li jsiru *pots* bix-xtieli fejn il-ġibjun u fi Triq il-Qrendi. Ġie deċiż li dawn isiru fil-futur meta jkollna l-kuntratt tal-ġonna.

29.06 **Korrispondenza, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet**

29.06.01 Is-S.E. ippreżenta s-Schedule tat-*Tender* tal-Latrina fejn kien hemm 3 applikazzjonijiet. Malli l-*evaluators* ikunu jistgħu jidħlu fis-sistema tal-*etenders*, tkun tista' ssir l-evalwazzjoni tat-*tender*. Is-S.E. ġibed l-attenzjoni tal-membri li mill-lista tal-kuntratti hemm 3 kuntratti skaduti u li għal dan il-għan kien ser jaħdem fuqhom sabiex jinħargu kemm jista' jkun malajr.

29.06.02 Rapport tal-ispezzjonijiet li saru mill-*Contracts Manager* bejn l-1 u l-15 ta' Ġunju. Ġie deċiż li ninfurmaw lill-*Contracts Manager* sabiex ir-rapport ikun iktar sempliċi li jinkludi x'sab waqt l-ispezzjonijiet u kif kien qed jindirizzahom.

29.06.03 Korrispondenza mingħand TM dwar Attivitajiet għall-Ġimgha Ewropea tal-Mobilita' 2021. Il-Kunsill ħa nota ta' din il-korrispondenza u ġie deċiż li għandna nikkonfermaw mal-Każini jekk kienux irċevew din il-korrispondenza peress li normalment huma kienu jipparteċipaw f'dawn l-attivitajiet.

29.06.04 Korrispondenza mingħand *Heritage Malta* sabiex jiġi ipprojbit il-parkeġġ fuq il-katakombi peress li kienet qed issir il-ħsara lill-istess katakombi. Fuq suġġeriment tal-Viċi-Sindku, ġie deċiż li navviċinaw lid-*designer* Mario Cassar sabiex naraw jistax joħroġ b'xi idea li tikkumplimenta l-post.

29.06.05 Korrispondenza mill-uffiċċju tal-Onor. Ministru O. Bonnici dwar żjara li l-Onor. Ministru kien ser jagħmel dwar ir-restawr tal-Kappella ta' Santa Marija fis-27 ta' Ġunju. Il-Kunsilliera kollha ser jattendu.

29.06.06 Korrispondenza mill-Ministeru għall-Agrikoltura dwar *Steward* għat-Trattament Xieraq tal-Annimali. Is-S.E. informa li r-Reġjun kien diġà għamel applikazzjoni li tkopri l-Kunsilli tar-Reġjun.

29.06.07 Korrispondenza dwar Proġetti ta' Ġemellaġġi u Networks tal-Ibliet. Il-Kunsill ħa nota tal-kontenut ta' din il-korrispondenza.

29.06.08 Korrispondenza mill-AKL dwar *Allotment Gardening Proposal*. Il-Viċi-Sindku għamlet numru ta' mistoqsijiet dwar kif ser taħdem din l-iskema u ġie deċiż li għandna niksbu aktar informazzjoni qabel niddeċiedu.

29.06.09 Ċirkulari 5/2021 swar Konsultazzjoni dwar Politika għall-Gvern Lokali 2021. Il-Kunsill ħa nota tal-kontenut ta' din il-korrispondenza.

29.06.10 Korrispondenza mingħand il-*Malta Beekepers Association* sabiex isir MOU bejn il-Kunsill jintrabat li ma jneħħix il-ħaxix selvaġġ mill-passaġġi rurali sal-31 ta' Mejju. Il-Kunsill innota li din ma tapplikax għall-lokalita' tagħna peress li ma għandiex zoni kbar bil-ħaxix.

29.06.11 Korrispondenza sabiex il-Kunsill jissuġġerixxi isem għal 3 toroq sqaqien fi Triq is-Siġġiewi. Ġie unanimament deċiż li l-Kunsill jipproponi li dawn jissemmew Sqaq Nru 1, 2 u 3 fi Triq is-Siġġiewi.

29.06.12 Is-S.E. ippreżenta l-kwotazzjonijiet li konna rċivejna għax-xiri ta' *Air Condition* għall-uffiċċju tas-S.E. Ġie unanimament deċiż li tingħażel l-offerta ta' Panta għal-€ 840 peress li ġiet meqjusa bħala l-aktar waħda vantaġġuża.

29.06.13 Is-S.E. ippreżenta l-kwotazzjonijiet li konna rċivejna għax-xiri ta' siġġijiet għall-*Boardroom* u wara diskussjoni ġie unanimament deċiż li tingħażel l-offerta ta' Scan għas-somma ta' € 91-il wieħed peress li ġiet meqjusa bħala l-aktar waħda vantaġġuża.

29.06.14 Is-S.E. ippreżenta l-kwotazzjoni li konna rċivejna mingħand Nexos sabiex jiddawwal il-Ġnien ta' Misraħ Ġublew tad-Djamanti. Ġie unanimament deċiż li qabel tittieħed deċiżjoni, għandna nġibu tal-inqas żewġ kwotazzjonijiet oħra.

29.06.15 Ilment dwar *skip* li tħalliet ix-xhur fi Triq Innocenz Zammit u trakkijiet li jipparkjaw ta' kuljum fi Triq Giacomo Tortella. Ġie deċiż li dan l-ilment jiġi riferut lill-Pulizija u TM.

29.06.16 Talba minn resident sabiex titranġa l-bankina quddiem entratura ta' għalqa fi Triq il-Ħajt tal-Matla. Din it-talba ġiet approva u x-xogħol ser isir mill-kuntrattur il-ġdid.

29.07 ***Bye-Laws* dwar Kontroll tal-Ħamiem**

29.07.01 Is-S.E. ippreżenta korrispondenza mingħand l-AKL dwar il-bżonn li l-Kunsill ikollu *Bye-Laws* dwar il-Kontroll tal-Ħamiem sabiex ikun jista' jibda jingħata għalf li jipprevjeni r-riproduzzjoni. Dwar dan kien hemm qbil unanimu u ġie approvat li din tkun identika għal dik tal-Kunsill Lokali tal-Imsida li kopja tagħha kienet intbgħatet lill-Kunsillieri.

29.08 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti nru 08/29**

29.08.01 L-iskeda tal-pagamenti nru 08/29 ġiet approvata unanimament.

29.08.02 Il-lista tal-infieq mill-*Petty Cash* li sar matul Mejju 2021 ġiet approvata unanimament.

29.09 **Tmiem tal-laqgħa u qbil fuq data u ħin tal-laqgħa li jmiss**

KUNSILL LOKALI TAL-IMQABBA
29, TRIQ IL-PARROĊĊA, L-IMQABBA MQB 1512
TEL: 2168 0622
E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt
L-Imqabba Local Council

29.09.01 Il-laqgħa ntemmet fit-7:45 pm u ġie deċiż li l-laqgħa li jmiss issir it-Tlieta 27 ta' Lulju fil-5:00 pm

Konfermati illum it-Tlieta 27 ta' Lulju 2021.

| | |
|---|---|
| Omar Farrugia<br>Sindku | Fabian Mizzi<br>Segretarju Eżekuttiv |